# IL-QAWSALLA

Għadd Numru 06/06

**Paġna 1** – *I*ntroduzzjoni minn Marcel Pisani

**Paġna 2** – *R*esidenza Fgura

**Paġna 3** – *Ħ*bieb Aġenzija SAPPORT

*M*ill-Amministrazzjoni

**Paġna 4** – *R*efurbishment ġewwa Residenza Vajrita

Għalkemm fl-1 ta' Awissu ta' din is-sena l-Aġenzija tagħlaq 5 snin minn mindu twaqqfet bħala *Supported Living Division*, kien biss fi Frar 2002, allura ftit aktar minn 4 snin ilu, minn meta bdejna l-ħidma diretta mal-ewwel klijenti tal-Aġenzija. Dawn l-erba' snin ta' ħidma kienu diffiċli ħafna kemm għalija b'mod personali kif ukoll għal kull min ħadem u/jew għadu jaħdem ma' l-Aġenzija.

Dawn id-diffikultajiet ġew mill-fatt li l-Aġenzija twaqqfet b'aġenda ġdida u allura b'kunċett u viżjoni differenti minn azjendi oħra li joffru servizzi fil-qasam ta' persuni b'diżabilità. Ġejjin ukoll mill-fatt li l-Aġenzija ġiet mwaqqfa speċifikament biex tindirizza l-bżonn ta' persuni li minħabba l-kundizzjoni tagħhom jesebixxu mġieba qalila. Uallura ftit jew xejn huma s-servizzi li joffru appoġġ lil dawn il-persuni u għalhekk il-prospettiva għal ħafna minn dawn il-persuni, fejn il-familja ma tkunx tista' tieħu ħsiebhom aktar, tkun f'istituzzjoni.

Id-diffikultajiet allura kienu kemm ta' natura strutturali sabiex ikollna djar residenzjali xierqa fil-komunità kif ukoll organizzattivi biex inlaħħqu mad-domanda għas-servizz u namministraw s-sitwazzjonijiet li niffaċċjaw ta' kuljum minħabba n-natura tal-klijenti tagħna.

Hawnhekk irrid insellem u nirringrazzja l-ewwel qabel kulħadd lill-familjari ta' dawn il-persuni li minkejja d-diffikultajiet u l-ostakoli li ħafna drabi tpoġġilhom l-istess soċjetà – li suppost qiegħda tipproteġġihom – jibqgħu jistinkaw biex jieħdu ħsieb tal-familjari tagħhom għallinqas sakemm iserħu rashom minn servizz li jilħaq l-aspettativa tagħhom.

Wara l-familjari nirringrazzja mill-qalb lill-ħaddiema ta' l-Aġenzija li fehmu l-viżjoni tagħna ta' kif għandha tkun il-ħidma ma' dawn il-persuni, minkejja li xi kultant kaġun ta' l-istess ħidma jweġġgħu waqt il-qadi ta' dmirhom. Ħadd daqs il-familjari ta' dawn il-persuni ma jistgħu jifhmu xi tfisser il-ħidma tagħna. F'dan ix-xenarju, kif tistgħu tifhmu, kellna ħafna sitwazzjonijiet ta' dieqa, diżappunti u diffikultajiet li kienu ta' prova iebsa ħafna għar-reżistenza tagħna. Pero aħna bqajna mixjin fit-triq tagħna anke għall-fatt li aħna konxji li llum ħafna nies f'dan il-qasam qed ipoġġu l-fiduċja tagħhom fl-Aġenzija tagħna. Iżda tajjeb li ngħid li max-xewk kien hemm ukoll ħafna ward u nixtieq naqsam magħkom esperjenza riċenti li taffiet ħafna mit-tbatija li jkollna nġorru.

F'Mejju li għadda, grazzi għar-rieda tagħhom u l-appoġġ ta' l-Aġenzija u oħrajn bħall-Awtorità tad-Djar u l-Kummissjoni Nazzjonali Persuini b'Diżabilità, żewġ persuni b'diżabilità fizika ngħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ u llum qed jgħixu flimkien fid-dar tagħhom. Kien pass kuraġġuż minn dawn iż-żewġ persuni li jagħti prova kemm il-persuni b'diżabilità jistgħu ikunu membri sħaħ fis-soċjetà dejjem jekk din ma tfixkilhomx iżda toffrilhom kull appoġġ neċessarju biex jilħqu l-milja ta' ħajjithom.

Jiena nħossnu kburi u kuntent li l-Aġenzija SAPPORT flimkien ma' oħrajn tat il-kontribut tagħha biex din l-istorja, li fil-bidu kienet tidher diffiċli biex ma ngħidx impossibli, saret rejaltà ħajja u ta' eżempju għal persuni oħra b'diżabilità. Nixtieq f'ismi u f'isem il-ħaddiema kollha ta' l-Aġenzija nawgura ħajja feliċi u mimlija sodisfazzjon lil din il-koppja.

Fl-aħħarnett nixtieq nieħu l-opportunità biex nawgura lil kulħadd sajf hieni, mistrieħ u li tibqgħu tgawdu s-saħħa dejjem bir-rieda u l-imħabba tal-Mulej. Saħħa u tislijiet.

*Marcel Pisani*

*Kap Operattiv*, Aġenzija SAPPORT

# Residenza Fgura

Ir–Residenza tal-Fgura tinsab f'waħda mit-toroq prinċipali u tagħmel parti minn blokk ta' appartamenti residenzjali fi Triq id-Dejma. L-appartament huwa mqassam f' diversi kmamar, fosthom kċina, salott, kmamar tas- sodda u kmamar tal-banju. Għalkemm ir-Residenza tal-Fgura tinsab f'binja ta' appartamenti, hija kompletament aċċessisibli għall-persuni b'diffikultajiet fiżiċi.



Fil-preżent, fir-Residenza tal–Fgura hemm igħixu tlett klijenti b'diżabilità; żewġt irġiel u mara. Ir-residenti għandhom il-kamra tas-sodda tagħhom fejn jistgħu iqattgħu ħin fil-privatezza. Għalkemm il-klijenti għandhom l-ispazju personali tagħhom, ħafna mill-ħin iqattgħuh flimkien fil-kmamar komuni tad-dar. Hawn huma jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tad-dar u attivitajiet personali oħra, fejn jiġu segwiti mill-qrib mis-*Support Workers*. Il-klijenti ta' din ir-Residenza għandhom bżonnijiet varji; pero minkejja d-diffikultajiet tagħhom jagħmlu dak kollu li hu possibli sabiex jinvolvu ruħhom kemm f'dawk l-attivitajiet ta' interess personali għalihom kif ukoll fit-tmexxija tad-dar.

Matul il-ġurnata it-tlett residenti jattendu postijiet ta' taħrig sabiex jiżviluppaw dejjem iktar il-ħiliet tagħhom. Wieħed mill-klijenti jattendi l-*Guardian Angel School* li hija skola speċjali għal persuni b'diżabilità, filwaqt li l- klijenti l-oħra jattendu iċ–Ċentru Taħriġ għall-Adulti (ATC) f'Ħal Far. Matul il-kumplament tal-ġurnata s-*Support Workers* jorganizzaw attivitajiet bħal ħarġiet f'postijiet varji fejn il-klijenti jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà kif ukoll jgħinu lill-klijenti fil-faċendi u qadi ieħor relatat mad-dar. Barra min hekk kull klijent/a i/tqatta' parti mill-ħin tiegħu/tagħha f'attivitajiet rikkrejativi u interessi oħra li huma partikolarment għal qalbu/qalbha.



Huwa importanti li wieħed iżomm dejjem f'moħħu li hi x'inhi d-diffikultà tal-persuna, l-opportunità sabiex din tipparteċipa bi sħiħ f'attivitajiet personali u soċjali għandha tkun offruta bl-iktar mod komplut u bil-mezzi kollha neċessarji.

Rosette Said Sarreo
*Supervisor*, Aġenzija SAPPORT

# *Ħbieb ta' l-Aġenzija SAPPORT*

Il-Ħbieb Aġenzija SAPPORT jistiednuk għall-attività soċjali ta' divertiment sabiex jinġabru fondi b'risq l-Aġenzija SAPPORT biex tgħinha fis-servizzi tagħha.

**Data:** Il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju 2006

**Post:** Il-Ġnien Pubbliku *Re Ġorġ V*, li jħares fuq il-Port il-Kbir, faċċata ta' l-Isptar Sir Paul Boffa fi Triq il-Kurċifiss, Furjana.

**Ħin:** 5:00pm – 9:00pm

Ser jieħdu sehem *band* mit-truppi ta' l-iScouts kif ukoll personalitajiet stabiliti fil-qasam tal-kant popolari bħal Debbie Scerri, Nadine Axisa, Glenn Vella u oħrajn bħal Frank O'Neil. Fl-attivita' msemmija ser ikun hemm ukoll kummidjanti, maġija, żfin u animazzjoni.

Għal dawk li huma nteressati li jixtru xi ħaġa bi prezzijiet raġonevoli u ta' vantaġġ, ser ikun hemm ukoll *bazaar* b'imwejjed armati b'affarijiet għall-bejgħ u *Pot Luck stand*.

Għalhekk titlifx okkażjoni bħal din fejn żgur ser tieħu pjaċir u fl-istess ħin tkun tista tgħin lill-Aġenzija SAPPORT fis-servizzi tagħha.

**Nota:** Importanti li tkunu tafu li dak inhar m'hemmx logħob tal-futbol tat-Tazza Mondjali minħabba li l-finali sejra l-Ħadd, 9 ta' Lulju 2006.

***Għalhekk ejja u ħu***




*Adelina Pisani*
*Segretarja*, Ħbieb Aġenzija SAPPORT

## *Mill-Amministrazzjoni....*

L-Amministrazzjoni tal-Aġenzija SAPPORT jixtiequ jinfurmaw li waqt l-iskeda tas-sajf, l-uffiċini tagħha fl-Imtarfa u f'Santa Venera, xorta ser ikunu miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00am u l-5:00pm.

# Refurbishment fir-Residenza Vajrita

Fid-19 ta' Marzu ta' din is-sena rajna diversi xogħlijiet iseħħu ġewwa r-Residenza Vajrita. Dawn ix-xogħlijiet setgħu jiġu mwettqa permezz ta' xogħol volontarju mogħti minn diversi kumpaniji fejn dakinhar il-ħaddiema tagħhom ingħaqdu u ħadmu flimkien sabiex taw wiċċ ġdid lil din ir-Residenza, speċifikament is-sular ta' fuq.



Il-jum imsemmi beda b'quddiesa fejn għaliha attendew ukoll il-Priministru l-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi u s-Sinjura tiegħu Kate Gonzi.

Il-biċċa l-kbira tax-xogħol seħħ f'ġurnata, u b'hekk il-klijenti li jgħixu fir-Residenza segħtu jkunu lura fl-appartamenti tagħhom f'qasir żmien u f'ambjent ħafna aktar rillasanti u sabiħ.



Il-kumpaniji li ppartecipaw bi ħġarhom f'din l-attività kienu Gasan Group of Companies, Vodafone, HSBC, Farsons PLC, Mizzi Holdings u Demajo. Grazzi tmur lil dawn il-kumpaniji u lill-ħaddiema tagħhom li ma segħtux jagħtu aktar kontribut milli taw biex ix-xogħol jiġi mwettaq.

Kif qed taraw fir-ritratt tax-xellug tistgħu tosservaw il-ħaddiema jaħdmu fir-Residenza kif ukoll dehra tad-dar wara li tlestew ix-xogħlijiet.

Grazzi mill-ġdid lil kull min ta sehemu.

*Clifford Portelli*
*Administrative Clerk*, Aġenzija SAPPORT

## *Mill-Edituri....*

Infakkru lil kull min qiegħed jirċievi n-*newsletter* li aħna naprezzaw il-kummenti tagħkom. B'hekk biss inkunu nafu jekk il-kontenut ikunx qed jolqot il-gosti tagħkom. Inħeġġukom biex tibgħatu l-kummenti u kontributi tagħkom lil:

Edituri – Il-Qawsalla
Aġenzija SAPPORT, Blokk A, Town Centre,Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa RBT10

Tistgħu tiktbu wkoll lill-edituri fuq l-email: mariella.cadona@gov.mt jew clifford.portelli@gov.mt

*mariella cardona u clifford portelli*
Edituri